## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# ORDNI TA' RIFERENZA LILL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEJA SKOND L-ART. 267 TAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEJA GĦAL SENTENZA PRELIMINARI FIL-PROĊEDURI PENDENTI MIFTUĦA QUDDIEM DIN IL-QORTI TAĦT L-ART. 253(E) TAL-KAP. 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA BIN-NUMRU UFFIĊJALI 188/2021 FL-ISMIJIET: **PRINCESS HOLDINGS LIMITED (C72528) V. GABRIEL-LULIAN APETREI (KI. 51564A)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Diċembru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Gabriel-Lulian Apetrei ("ir-rikorrent") ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2021 b'talba għall-opposizzjoni tal-eżekuzzjoni tat-tmien (8) kambjali li l-kumpanija intimata Princess Holdings Limited ("l-intimata") qed tittenta trendi eżegwibbli permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 1277/2021 ippreżentata ai termini tal-Art. 253(e) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) fl-1 ta' Ġunju 2021;

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fit-30 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha għar-raġunijiet imsemmija fl-istess att talbet li l-Qorti tirrespinġi t-talbiet tar-rikorrent;

wara li rat li r-rikors li ġie ppreżentat huwa wieħed minn sensiela dejjem tikber ta' rikorsi ppreżentati għall-opposizzjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjali fejn ir-raġunijiet mogħtija għal tali opposizzjoni jkunu bbażati fuq il-ftehim jew obbligazzjonijiet sottostante (*underlying obligations*) bejn il-partijiet (jew bejn ir-rikorrent u d-detentur oriġinali tal-kambjali) li jkunu taw lok għall-ħruġ tal-kambjali in kwistjoni, iżjed milli raġunijiet li jolqtu l-validita' tal-kambjali nfushom;

wara li rat li anke l-intimata stess fir-risposta tagħha għamlet riferenza kopjuża għall-ftehim li ġie ffirmat bejn ir-rikorrent u d-detentriċi oriġinali tal-kambjali qabel il-ħruġ tal-kambjali mertu tal-proċedura odjerna;

wara li rat illi r-rikorrent innifsu stqarr fit-talba tiegħu illi: *"l-eċċezzjonijiet f'azzjoni kambjarja għandhom ikunu limitati u ristretti għad-dokument stess (il-kambjala) u m'għandhomx jidħlu fil-kamp ta' obbligazzjonijiet oħra";*

wara li rat pero illi r-rikorrent tenna fl-istess talba tiegħu illi permezz tas-sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja fl-ismijiet **Profi Credit Polska S.A. w Bielsku Bialej v. Mariusz Wawrzosek** (C-176/17) ġie iddikjarat illi l-proċedura analoga fil-liġi tal-Polonja dwar il-kambjali ġie meqjusa bħala inkompatibbli mad-Direttiva dwar il-Klawżoli Inġusti sa' fejn tirrendi eċċessivament diffiċli għall-konsumatur li jressaq opposizzjoni kontra l-ordni ta' ħlas maħruġa abbażi taċ-ċedola;

wara li rat id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar Klawżoli Inġusti f'Kuntratti mal-Konsumatur, tad-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur u tad-Direttiva (UE) 2019/771 tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti;

wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tas-sentenza msemmija u tal-iżviluppi fil-ġurisprudenza tal-istess Qorti li tat is-sentenza dehrilha li jkun għaqli illi fl-interess tal-unita' legali,tal-interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tal-liġi komunitarja u fuq kollox fl-interess tal-ħarsien tad-drittijiet individwali tal-konsumaturi illi tirrikorri għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja sabiex ai termini tal-Art. 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, dik il-Qorti tagħti sentenza preliminari fir-rigward ta' tlett domandi li din il-Qorti tixtieqha tieħu konjizzjoni tagħhom;

għalhekk ai termini tal-Art. 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 qed tagħmel din l-

## Ordni ta' Riferenza

bl-informazzjoni rikjesta tinsab elenkata fid-dokument anness u mmarkat bħala **Dok A**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

1. **<u>Il-Partijiet</u>**

1.1. Ir-rikorrent: Gabriel-Lulian Apetrei (KI. Nru. 51564A)
1.2. L-intimata: Princess Holdings Limited (C72528)

2. **<u>In-natura tal-proċediment</u>**

2.1. Taħt il-liġi ta' proċedura ċivili ta' Malta (Art. 253(e) tal- Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), kambjala maħruġa skond il-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta) u li tkun immaturat issir titolu eżekuttiv (u allura tkun ekwivalenti għal sentenza finali mogħtija mill-Qorti u tista' tiġi eżegwita b'mandat eżekuttiv bħal mandat ta' sekwestru) meta l-kreditur jippreżenta ittra uffiċjali għal dan il-għan u d-debitur ma' joġġezzjonax fi żmien għoxrin (20) ġurnata minn mindu jirċeviha.

2.2. Taħt l-istess Art. 253(e) id-debitur jista' jopponi għall-eżegwibbilita' tal-kambjala billi fil-perjodu msemmi ta' għoxrin (20) ġurnata jippreżenta rikors li bih jiftaħ proċedura appożita quddiem il-Qorti kompetenti (i.e. fil-Qorti tal-Maġistrati meta l-pretensjoni tkun għall-ammont ta' € 15,000 jew inqas, u fil-Qorti Ċivili Prim' Awla meta l-pretensjoni tkun għall-ammont ta' € 15,001 jew aktar).

2.3. Id-debitur jista' pero' jopponi għal żewġ raġunijiet biss: (i) jew għaliex il-firma fuq il-kambjala (bħala trattarju aċċettanti ossia' id-*drawee* jew l-*acceptor*) ma' tkunx tiegħu, jew (ii) għal raġunijiet oħra gravi u validi.

2.4. Jekk il-Qorti tilqa' t-talba tad-debitur, il-kambjala ma' tista' qatt issir titolu eżekuttiv u l-kreditur jista' biss jesiġi l-ħlas tagħha billi jiftaħ kawża skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Jekk il-Qorti tiċħad it-talba tad-debitur, il-kambjala ssir titolu eżekuttiv u l-kreditur jista' jipproċedi billi jenforza dak it-titolu bil-ħruġ ta' mandati eżekuttivi (bħal mandat ta' sekwestru jew mandat ta' qbid u subbasta).

2.5. Għalkemm il-liġi ma' tagħtix definizzjoni ta' x'inhuma dawn ir-raġunijiet oħra gravi u validi, il-ġurisprudenza żviluppat din id-definizzjoni billi l-Qrati stess f'diversi sentenzi taw eżempji ta' dawk li jistgħu jitqiesu bħala raġunijiet gravi u validi u ta' dawk li m'għandhomx jitqiesu b'dak il-mod. B'mod ġenerali jekk

il-kambjala tkun nieqsa minn xi rekwiżiti essenzjali tagħha[1], bħal pereżempju l-firma tat-traent (*drawer*), din tkun raġuni gravi u valida għall-opposizzjoni tal-eżegwibilta' tagħha. Ingħad ukoll fil-ġurisprudenza illi l-iskop tar-raġunijiet gravi u validi prospettati taħt l-Art. 253(e) ma' jistax ikun iktar estensiv mill-iskop tar-raġunijiet elenkati mill-Kodiċi tal-Kummerċ li minħabba fihom kambjala tista' tinżamm milli titħallas.

2.6. Taħt il-Kodiċi tal-Kummerċ, li għal ħafna żmien (u ċioe qabel l-introduzzjoni tal-Art. 253(e) fil-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fl-2004 li elevat il-kambjala għal titolu eżekuttiv bil-proċedura tal-ittra uffiċjali) kienet tipprovdi l-unika azzjoni miftuħa għal kreditur biex jesiġi l-ħlas ta' kambjala, il-pussessur ta' kambjala huwa intitolat għall-azzjoni kambjarja konsistenti (i) fl-**azzjoni diretta** kontra l-aċċettant li huwa d-debitur prinċipali JEW (ii) fl-**azzjoni ta' rigress** kontra l-persuni l-oħra kollha meqjusa responsabbli għall-ħlas bl-eċċezzjoni tal-aċċettant.

2.7. L-eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw kontra l-pussessur tal-kambjala li jitlob l-ħlas tagħha fl-azzjoni kambjarja taħt il-Kodiċi tal-Kummerċ huma dawk **reali jew oġġettivi** (*exceptio in rem*) li jolqtu r-rekwiżiti formali u essenzjali tal-kambjala u li jistgħu jinġiebu kontra kull min jitlob il-ħlas tagħha (bħal per eżempju n-nuqqas ta' xi rekwiżiti formali, in-nuqqas tal-protest, preskrizzjoni, etc), u dawk **personali jew soġġettivi** (*exceptio in personam)* li jistgħu jitressqu biss kontra persuna speċifika.[2]

---

[1] Art. 123 tal-Kodiċi tal-Kummerċ: *'Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas, u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha'*

[2] F'dan ir-rigward, il-ġurista emimenti Malti Prof V. Caruana Galizia fin-*Notes on Bills of Exchange* jgħid is-segwenti: *"It has been stated several times that pleas which are personal to the endorsers, may not be set up against the holder of a bill, because, it is repeated; each and every obligation arising from a bill is independent the one from the other and the holder's title does not derive from the title of his endorser. Jurists, however, rank an exception to the said fundamental rule in the case where the holder, in acquiring the bill, has knowingly acted to the detriment of the debtor on the ground that "fraus omnia corrumpit". No law can ever protect fraud or bad faith, and, the endorsee, who, though fully aware of the well-founded plea,, which the debtor of the bill could have raised against his endorser, wanted to receive the bill, is to blame himself for having done so. In practice, similar endorsements are often made for no other purpose, but to evade the possibility of the setting up of such pleas: by the said exception a remedy is provided against such an unlawful practice. It is to be. understood that fraud is never presumed, but must be proved in accordance with the general principles of law ... Furthermore, the holder, against whom such a plea, which is in the nature of an "exceptio doli", may be set up, must have been in bad faith at the time he had acquired the bill, because "mala fide superveniens non nocet". With regard to pleas which are personal to the holder of a bill, the rule to be applied is different from the one established with regard to pleas personal to the endorsers. In fact, pleas personal to the holder may be set up, provided their nature is such as not to delay the payment of a bill. In other words, they may be raised, provided they can be conveniently and speedily disposed of in the pending action[2] ... The question therefore whether a plea of this nature can be conveniently and speedily disposed of in the pending action or not is one of fact, which the Court, in its discretion, is to decide due regard being*

2.8. Skond l-Art. 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, l-eċċezzjonijiet li huma personali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja. Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma.

2.9. Dan l-artikolu tal-liġi huwa riflessjoni tal-prinċipju kardinali fil-liġi Maltija (stabbilit ukoll fil-liġijiet kontinentali u sistemi legali Romano-Ġermaniċi) illi l-oġġett tal-azzjoni kambjarja ma jistax u m'għandux ikun konfuż mal-oġġett li kien jifforma l-obbligazzjoni naxxenti minn negozju li jkun ta lok għall-hruġ tal-kambjala. Il-liġi stess, proprju bl-insistenza fuq l-awtonomija tal-kambjala[3] u bil-limitazzjoni tal-eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw għall-azzjoni kambjarja fil-Kodiċi tal-Kummerċ, kif ukoll bl-insistenza fuq l-ispeditezza fid-determinazzjoni tal-azzjoni, tiddistingwi u ssalva n-negozju oriġinali li jibqa' soġġett għall-verifika u kontestazzjoni, anki wara li tkun ġiet determinata l-azzjoni kambjarja u anki wara li tkun ġiet onorata l-kambjala b'konsegwenza tal-esekuzzjoni ta' sentenza fuqha mogħtija.

2.10. Wara l-introduzzjoni tal-Art. 253(e) fil-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fil-liġi Maltija fl-2004, il-Qrati b'mod ġenerali (għalkemm mhux uniformi) rritenew illi in omaġġ tal-prinċipji fuq imsemmija tal-awtonomija

---

*had to all the circumstances of the case. Where, however, such pleas require a prolonged inquiry, the examination. thereof shall be referred to an independent action and, meanwhile the judgement ordering the payment of the bill, with or without security, as the Court shall deem fit, shall not be delayed."*

[3] F'dan ir-rigward, Prof V. Caruana Galizia jgħid hekk: *"The obligation arising from a bill of exchange is of its nature an abstract obligation, i.e. it is considered by itself independently of the particular "causa obligationis" which, had given occasion to the issue or endorsement of a bill of exchange. It is logical to presume that the person, who issues or endorses a bill, or, who becomes a guarantor of one of the parties thereof, does so because he happens to be the debtor of the person in favor of whom the bill is drawn or endorsed or for whom he has become the guarantor as a consequence of a legal relationship, of .some kind or other, which may have intervened between them. There may be exceptional cases where a bill is drawn or endorsed or a guarantee thereon is given in favour of a person without any consideration. However this may be and whatever the causa obligationis, the moment a person, signs the bill of exchange whether as drawer; endorser, or as giver of an aval or otherwise the obligation arising from that signature is considered to be complete in itself; it acquires a juridical existence, which is considered separate,' distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evidenced by the bill with the signature placed thereon. Accordingly a party to a bill would be liable hereon, not because of any pre-existing obligation, but merely because he does actually sign the bill. However, though the obligation arising from a bill is an abstract obligation, in the sense abovementioned, it does not fellow that the original causa obligationis, if existent, is substituted by the new obligation deriving from the bill itself when this is issued. On the contrary the cause obligationis will have a juridical existence, in that the issue of a bill of exchange with the consequent obligation deriving therefrom doesn't effect a novation of the obligation deriving from the fundamental causa obligationis, unless the intention to effect it clearly appears"*

tal-kambjala u tal-importanza tal-ispeditezza tagħha fin-negozju **l-Qorti m'għandhiex, salv ċertu eċċezzjonijiet ristretti** (bħal fil-każ ta' frodi jew *causa illecita*) **tidħol fil-mertu tal-*causa obligationis* ossia tan-negozju li jkun wassal għall-ħruġ tal-kambjala**. Per eżempju b'mod konsistenti matul is-snin il-Qrati Maltin irrifjutaw illi jikkunsidraw bħala raġuni gravi u valida għall-opposizzjoni tal-eżegwibilta' ta' kambjala l-eċċezzjoni illi l-oġġett li jkun nbiegħ lid-debitur fil-ftehim li fuqu tkun nħarġet kambjala, jkun difettuż jew ma' jkunx tal-kwalita' pattwita. Dan mhux biss għaliex l-indaġini li altrimenti jkun jeħtieġilha tagħmel il-Qorti tkun waħda li tirrikjedi żmien konsiderevoli, iżda iżjed minn hekk għaliex l-oġġett tal-azzjoni kambjarja ma jistax u ma għandux ikun konfuż mal-oġġett li jifforma l-obbligazzjoni naxxenti min-negozju li jkun ta lok għall-hruġ tagħha.

2.11. Naturalment l-obbligazzjonijiet sottostanti jibqgħu jeżistu minkejja l-ħruġ ta' kambjala. Anzi, l-ħruġ tal-kambjala m'huwa xejn ħlief sigurtà addizzjonali lill-kreditur li b'hekk ikun jista' jenforza d-dritt patrimonjali tiegħu b'żewġ modi: jiġifieri jew billi jeżerċita d-drittijiet tiegħu li jemanixxu mill-kambjala (bl-applikazzjoni tal-Artikolu 253(e) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew tad-disposizzjonijiet relevanti taħt il-Kodiċi tal-Kummerċ) jew inkella billi jeżerċita d-drittijiet tiegħu naxxenti mill-ftehim sottostanti (i.e. billi jiftaħ kawża *ad-hoc* sabiex jitlob dak li għandu d-dritt għalih).

2.12. Partikolarment f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena, l-utilita' tal-kambjala f'Malta bħala sigurta' addizjonali għall-obbligazzjonijiet kummerċjali żdiedet ħafna u llum il-ġurnata l-maġġoranza tal-kambjali maħruġa lokalment jinħarġu proprju sabiex jipprovdu din is-sigurtà lill-kreditur.

## 3. <u>L-istorja tal-proċediment</u>

3.1. Ir-rikorrent Gabriel-Lulian Apetrei beda din il-proċedura b'rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2021 ai termini tal-Art. 253(e) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jopponi l-proċess li permezz tiegħu l-kumpanija intimata Princess Holdings Ltd pruvat trendi eżegwibbli tmien (8) kambjali li skadew, permezz ta' ittra uffiċjali (bin-numru 1277/21) ippreżentata fl-1 ta' Ġunju 2021.

3.2. Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimata b'ordni mogħtija fis-7 ta' Lulju 2021 u l-intimata ġiet notifikata fid-19 ta' Lulju 2021.

3.3. L-intimata wieġbet għar-rikors permezz ta' risposta ppreżentata fit-30 ta' Lulju 2021.

3.4. Ir-rikors ġie appuntat għas-smiegh għas-seduta tal-1 ta' Novembru 2021.

3.5. Ir-rikorrent ippreżenta l-provi tiegħu permezz ta' affidavit fit-3 ta' Novembru 2021 u għalaq il-provi fis-6 ta' Diċembru 2021.

3.6. L-intimata ma' ressqitx provi minkejja li l-Qorti tagħtha numru ta' opportunitajiet sabiex tagħmel dan.

3.7. Fl-24 ta' Ottubru 2022 il-kawża tħalliet għad-digriet finali ossia' għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar jekk għandiex tilqa' jew le it-talba tar-rikorrent sabiex l-eżekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni tiġi mwaqqfa.

## 4. Il-fatti prinċipali fil-qosor

4.1. Ir-rikorrent xehed fl-affidavit tiegħu illi fis-16 ta' Settembru 2019 huwa ffirma kuntratt mal-kumpanija No Deposit Cars Malta Limited sabiex jixtri Vauxhall Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni BCC-957. Kopja tal-kuntratt ġie esebit fil-kawża. Il-prezz maqbul kien ta' €5,400 pagabbli f'pagamenti mensili ta' €90 fuq perjodu ta' ħames snin. Fl-istess ġurnata li ffirma huwa ħallas depożitu ta' €700 għall-ħlas tal-liċenzja u tal-polza tal-assigurazzjoni u ffirma ukoll sittin (60) kambjali għall-ammont ta' disgħin euro (€90) kull wieħed. Il-vettura kellha tinġabar ġimgħa wara u filfatt inġabret mir-rikorrent iżda din kellha diversi ħsarat u fil-31 ta' Ottubru 2019 iffirma ftehim ieħor mal-istess kumpanija sabiex jirritornalhom l-vettura u jieħu karozza oħra (Peugeot 308 bin-numru LQZ-612) għall-prezz ta' €12,000 pagabbbli f'pagamenti mensili ta' €200 fuq perjodu ta' ħames snin. Fil-31 ta' Ottubru 2019 iffirma ukoll sittin (60) kambjali għall-ammon ta' mitejn euro (€200) kull wieħed. Dan it-tieni ftehim ma' ġiex esebit fil-kawża. Il-kambjali maħruġa fuq l-ewwel ftehim ma' ġewx irritornati lura lid-debitur.

4.2. Il-vettura Peugeot 308 kellha ukoll diversi ħsarat u għalhekk fit-30 ta' Jannar 2020 ir-rikorrent iffirma ftehim ieħor mal-istess kumpanija sabiex jirritornalhom l-vettura u jieħu karozza oħra (Hyundai 110 bin-numru LQZ-637) għall-prezz ta' €9,000 pagabbbli f'pagamenti mensili ta' €150 fuq perjodu ta' ħames snin. Dakinhar iffirma ukoll sittin (60) kambjali għall-ammon ta' mija u ħamsin euro (€150) kull wieħed. Dan it-tielet ftehim ma' ġiex esebit fil-kawża. Il-kambjali maħruġa fuq it-tieni ftehim ma' ġewx irritornati lura lid-debitur. Jidher li anke din il-vettura kellha diversi problemi u meta r-rikorrent prova jittermina l-ftehim mal-kumpanija No Deposit Cars Malta Limited din injoratu.

4.3. F'xi żmien, il-kambjali inkluż dawk mertu tal-proċedura odjerna ġew ġirati lill-kumpanija Princess Holdings Limited, liema kumpanija tappartjeni lill-istess azzjonist li għandu l-ishma kollha ta' No Deposit Cars Malta Limited.

4.4. Sadanittant fit-22 ta' Ottubru 2020, il-kumpanija Princess Holdings Limited ippreżentat ittra uffiċjali (bin-numru 2155/2020) sabiex trendi eżegwibbli (taħt l-Art. 253(e) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) tmien kambjali (tal-valur ta' €200 kull wieħed) li r-rikorrent kien iffirma meta laħaq it-tieni ftehim ma' No Deposit Cars Malta Limited. Ir-rikorrent jgħid li baqa' xxukkjat għax huwa kien irritorna t-tieni vettura (u anke l-ewwel vettura) lil No Deposit Cars Malta Limited. Huwa jinsisti illi safa vittma ta' No Deposit Cars Malta Limited għaliex din żammet il-kambjali minkejja li l-karozzi ġew ritornati lura lilha.

4.5. Ma' sar l-ebda kontro-eżami tar-rikorrent mill-kumpanija intimata u għalhekk il-Qorti qed tqis illi l-fatti kif mfissra minnu **m'humiex kuntestati** minn Princess Holdings Limited.

**5. Liġijiet nazzjonali applikabbli**

5.1. Art. 253(e) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dwar il-proċedura sabiex id-debitur jitlob it-twaqqif tal-eżegwibilita' ta' kambjala (estratt mill-liġi annessa bħala Dok B)

5.2. Art. 123-259 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li hija l-liġi li tirregola l-kambjali (estratt mill-liġi annessa bħala Dok C)

**6. L-argumenti rispettivi tal-partijiet**

6.1. Ir-rikorrent għalkemm jammetti illi l-argumenti tiegħu jitrattaw l-*underlying obligations* u mhux il-kambjali nfushom, isostni illi l-kumpanija No Deposit Cars Malta Limited aġixxiet b'qerq għaliex żammet il-kambjali tal-kuntratti kollha li laħaq magħha avolja l-vetturi ġew ritornati lura lilha minħabba li kellhom il-ħsarat.

6.2. Ir-rikorrent ma' jsemmi xejn dwar il-ġirata u dwar jekk din kienetx intiża sabiex tledi d-drittijiet tiegħu. Il-Qorti naturalment xorta tista' u għad trid tindaga fuq din il-kwistjoni meta tiġi biex tagħti d-digriet finali tagħha.

6.3. Il-kumpanija intimata min-naħa tagħha tgħid illi l-argumenti tar-rikorrent m'humiex validi għaliex ma' jolqtux is-siwi tal-kambjali nfushom. Tgħid ukoll illi fi kwalunkwe każ il-kuntratti kienu jistipulaw x'kellu jagħmel id-debitur f'każ li ried jirrixendihom u dan ma' setax jippretendi li l-kuntratti jiġu rexissi awtomatikament abbażi ta' impressjoni li ħa.

## 7. Raġunijiet li għalihom qed tintalab ir-riferenza

7.1. Il-Qorti tqis illi fil-kuntest tad-drittijiet individwali tal-konsumaturi hemm żewġ kwistjonijiet separati li jimmeritaw direzzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja u t-tnejn huma marbuta mal-prinċipju illi bħala reġola ġenerali l-Qrati Maltin ma' jissindakawx il-kuntratti li fuqhom tkun inħarġet kambjala u l-*underlying obligations.*

7.2. Il-kuntratt esebit mar-rikors tar-rikorrent huwa wieħed tipiku ta' *hire-purchase* fejn kumpanija li tbiegħ vettura lill-konsumatur tilħaq ftehim miegħu fuq il-ħlas bin-nifs tal-prezz  bi skeda ta' pagamenti li tkun annessa mal-ftehim. Il-kuntratt jipprovdi ukoll għall-ħruġ tal-kambjali u għall-miżuri li tista' tieħu l-kumpanija f'każ li l-konsumatur ma' jonorax il-ħlas. Il-proprjeta' tal-vettura tgħaddi għand il-konsumatur malli dan iħallas il-prezz kollhu. Il-kuntratt jista' jiġi meqjus bħala *consumer credit agreement*.

7.3. L-ewwel kwistjoni hija dik illi għalkemm l-kuntratt huwa esebit mar-rikors li permezz tiegħu d-debitur talab it-twaqqif tal-eżegwibbilta' tal-kambjali (xi ħaġa li hija komuni fi proċeduri bħal dawn minkejja l-għarfien li l-Qorti ma' tistax tanalizza l-kuntratt), il-Qorti hija prekluża milli tidħol fil-mertu tiegħu sabiex fost affarijiet oħra tara jekk dan għandux xi klawsoli meqjusa inġusti fil-kuntest tad-*Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar Klawżoli Inġusti f'Kuntratti mal-Konsumatur* jew jekk il-kuntratt jissodisfax id-disposizzjonijiet tad-*Direttiva 2008/48/KE dwar ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur* (fosthom l-Artikolu 5 dwar l-informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumatur qabel il-kuntratt u l-Artikolu 10 dwar l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fi ftehim ta' kreditu).

7.4. It-tieni kwistjoni hija dik illi l-Qorti hija prekluża milli tindaga dwar jekk effettivament l-aġir tal-kumpanija waqt u/jew wara t-transazzjonijiet mad-debitur kienx leżiv tad-drittijiet tar-rikorrent bħala konsumatur taħt id-*Direttiva (UE) 2019/771 tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti,* fosthom id-dritt li l-konsumatur jirċievi mill-bejjiegħ oġġett li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Art. 6, 7 u 8 tal-istess Direttiva u li jieħu rimedji jekk dawn ma' jiġux sodisfatti.

7.5. Għal kull bwon fini d-direttivi msemmija ġew trasposti fil-liġi nazzjonali: id-*Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE* u d-*Direttiva (UE) 2019/771* fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumaturi, u d-*Direttiva 2008/48/KE* fir-Regolamenti dwar Kreditu lill-Konsumatur.

7.6. Il-Qorti tħoss li għalkemm l-ewwel kwistjoni ġiet trattata parzjalment mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja fis-sentenza preliminari mogħtija (Second Chamber) fit-13 ta' Settembru 2018 fl-ismijiet **<u>Profi Credit Polska S.A. w Bielsku Białej v. Mariusz Wawrzosek</u>** (C-176/17), madanakollu t-tieni kwistjoni tmur lil' hinn minn hekk. Fis-sentenza msemmija l-Qorti kienet qalet illi:

**« Article 7(1) of Council Directive 93/13/EEC of 5 April 1993 on unfair terms in consumer contracts must be interpreted as precluding national legislation, such as that at issue in the main proceedings, which permits issue of an order for payment founded on a valid promissory note that secures a claim arising from a consumer credit agreement, where the court dealing with an application for an order for payment does not have the power to examine whether the terms of that agreement are unfair, if the detailed rules for exercising the right to lodge an objection against such an order do not enable observance of the rights which the consumer derives from that directive to be ensured. »**

7.7. Il-Qorti tqis illi l-*fattispecie* fil-kawża C-176/17 m'humiex l-istess bħal dawk f'din il-kawża iżda tara li hemm similaritajiet ukoll. Il-liġi Maltija ma' tipprekludix lill-konsumatur milli jippreżenta talba kontra l-bejjiegħ sabiex jeżerċita r-rimedji tiegħu. Iżda dan jista' jsir biss f'azzjoni separata u mhux fl-istess azzjoni li permezz tagħha l-konsumatur jipprova jwaqqaf l-eżegwibilita' tal-kambjali li jkunu ġew ippreżentati għall-ħlas. Dan ifisser fil-prattika illi konsumatur jista' faċilment jispiċċa f'sitwazzjoni fejn jista' jeżerċita r-rimedji disponibbli għalih biss **<u>wara</u>** li Qorti Maltija tkun diġa ordnat li l-kambjala tiġi reża eżegwibbli fil-konfront tiegħu u wara li l-bejjiegħ ikun diġa pproċeda bil-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontrih.

## 8. <u>Domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja</u>

8.1. Il-Qorti għalhekk premess is-suespost qed tirreferi s-segwenti domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja għal *ruling preliminari* skond l-Art. 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea;

**<u>L-ewwel domanda</u>**

**Il-fatt illi fil-kors tal-proċedura għall-eżegwibilita' ta' kambjala (Art. 253(e) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) Qorti Maltija hija prekluża milli teżamina l-kuntratt li jkun ippreċeda l-ħruġ tal-kambjala, imur kontra d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar Klawżoli Inġusti f'Kuntratti mal-Konsumatur partikolarment l-Art. 6(1) u 7(1) tad-Direttiva?**

**<u>It-tieni domanda</u>**

**Il-fatt illi fil-kors tal-proċedura għall-eżegwibilita' ta' kambjala (Art. 253(e) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) Qorti Maltija hija prekluża milli teżamina l-kuntratt li jkun ippreċeda l-ħruġ tal-kambjala, imur kontra d-disposizzjonijiet tad- Direttiva 2008/48/KE dwar ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur partikolarment l-Art. 5 u 10 tad-Direttiva?**

**<u>It-tielet domanda</u>**

**Il-fatt illi fil-kors tal-proċedura għall-eżegwibilita' ta' kambjala (Art. 253(e) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) Qorti Maltija hija prekluża milli tanalizza l-*underlying obligations* li jkunu ppreċedew l-ħruġ tal-kambjala, imur kontra d-Direttiva (UE) 2019/771 tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, partikolarment id-dritt li l-konsumatur jirċievi mill-bejjiegħ oġġett li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Art. 6, 7 u 8 tal-istess Direttiva u li jieħu rimedji jekk dawn ma' jiġux sodisfatti?**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur

(4) Il-Gvern ta’ Malta, korporazzjonijiet pubbliċi, il-Bank Ċentrali ta’ Malta u l-banek li għandhom liċenza maħruġa skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, huma eżenti milli jagħmlu dik il-garanzija.

Kap. 371.

(5) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista’ b’regolamenti jeżenta lil kull kategorija oħra ta’ persuni jew ta’ korpi milli jagħtu dik il-garanzija.

(6) Meta d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 893 sa 905 ma jkunux konsistenti ma’ dan l-artikolu, dawn ma jgħoddux għall-garanzija mogħtija taħt dan l-artikolu.

Ħelsien mill-garanzija. *Emendat: VII.1880.9; IX.1886.42; XV.1913.76; XXIV.1995.128.*

**250.** Il-garanzija msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan ma hiex meħtieġa fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 42 u 172, jew meta l-appell isir minn sentenza li tkun ċaħdet it-talba għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, inkella jekk it-talba tkun għall-ammissjoni tal-benefiċċju tal-garanzija b’ġurament jew fil-każ ta’ talbiet oħra kollaterali.

Żminijiet imsemmija fl-artikolu 226 huma perentorji. *Emendat: IX.1886.44; XV.1913.77; XXIV.1995.129.*

**251.** Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 143, iż-żminijiet imsemmija fl-artikolu 226 huma perentorji.

---

## Titolu VII

*Emendat: IX.1886.45.*

## FUQ L-ESEKUZZJONI TAS-SENTENZI U TA’ TITOLI ESEKUTTIVI OĦRA

*Miżjud: XXXI.2002.84.*

### Sub-titolu I

### DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Kif issir l-esekuzzjoni ta’ titoli esekuttivi. *Miżjud: IX.1886.46. Sostitwit: XII.1985.7.*

**252.** Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-mandati *in factum*, l-eżekuzzjoni b’wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 273 tista’ ssir biss bis-saħħa ta’ titolu eżekuttiv.

Titoli esekuttivi. *Miżjud: IX.1886.46. Emendat: XV.1983.3; II.1996.78; XVIII.1999.33; XXXI.2002.85; IX.2004.7; XVIII.2004.113; IX.2010,31; VI.2011.180; III.2014.7; IV.2016.11; XVI.2016.34; XXVIII.2019.36;*

**253.** Huma titoli esekuttivi:

(*a*) is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-ġustizzja ta’ Malta;

(*b*) il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta’ Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f’esekuzzjoni ta’ fatt;

(*ċ*) taxxi ta’ drittijiet u spejjeż ġudizzjarji, maħruġa favur tar-Reġistratur, ta’ avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit ieħor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux ġew attakkati skont il-liġi;

(*d*) id-deċiżjonijiet ta’ arbitri rreġistrati maċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta’ Malta;

(*e*) kambjali u *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ: Kap. 13.

B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Kap. 13.

L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;

(*f*) ftehim ta' medjazzjoni magħmulin eżegwibbli mill-partijiet għall-medjazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Medjazzjoni; Kap. 474.

(*g*) deċiżjonijiet tat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi;

(*h*) deċiżjonijiet u għotjiet tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji. Kap. 555.

(*i*) Deċiżjonijiet tal-Panel ta' Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati.

**254.** *Imħassar: XII.1985.8.*

Is-sentenzi ta' ħelsien mill-arrest huma esegwibbli minnufih.

Sentenzi esegwibbli wara erbgħa u għoxrin siegħa li jingħataw.
*Emendat: XXIV.1995.130; XXXI.2002.86.*

**255.** Huma esegwibbli wara erbgħa u għoxrin siegħa li jingħataw:

(*a*) is-sentenzi fuq talba kollaterali u d-digrieti interlokutorji, meta ż-żmien tal-esekuzzjoni ma jkunx imsemmi fis-sentenza jew fid-digriet stess;

(*b*) is-sentenzi li bihom jiġi mneħħi impediment tas-safar ta' bastiment, jew il-qbid jew is-sekwestri ta' bastimenti jew ta' merkanzija;

(*ċ*) is-sentenzi li bihom jiġi ordnat il-għoti ta' manteniment;

(*d*) kull deċiżjoni mogħtija minn arbitru skont l-Att dwar l-Arbitraġġ. Kap. 387.

**122.** *Imħassar: XXXIII.1990.38.* Operazzjonijiet tal-Borża.

Titolu VII

FUQ IL-KAMBJALI, BILJETTI NEGOZJABBLI JEW *PROMISSORY NOTES,* U MANDATI JEW *CHEQUES* FUQ BANKIERA JEW KAXXIERA

*Sub-titolu I*

FUQ IL-KAMBJALI

FUQ IL-FORMA TAL-KAMBJALA

**123.** Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas, u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha. Forma tal-kambjala.

**124.** Il-kambjala tista' tinġibed fuq wieħed innifsu, u tista' tkun magħmula li titħallas fil-lok stess fejn tkun inġibdet. Min jiġbed il-kambjala u dak li fuqu tinġibed jistgħu jkunu l-istess persuna.

**125.** Il-kambjala ffirmata b'salib jew b'xi sinjal ieħor, ma tiswiex. Meta l-kambjala ma tiswiex.

**126.** (1) Jekk fil-kambjala s-somma li għandha titħallas tkun miktuba bi kliem u b'numri, u dawn ma jkunux jaqblu bejniethom, is-somma miktuba bi kliem hija s-somma li għandha titħallas. Differenzi bejn il-kliem u numri.

(2) Jekk is-somma tkun ġiet imtennija b'numri jew bi kliem, u dawn ma jkunux jaqblu bejniethom, l-anqas somma hija s-somma li għandha titħallas.

**127.** Il-kambjala tista' tinġibed għall-ordni ta' terza persuna, jew għall-ordni ta' dak stess li ġibidha. Tista' tinġibed għall-ordni ta' min ġibidha jew ta' terza persuna.

**128.** (1) Il-kambjala tista' tinġibed fuq persuna, u magħmula li titħallas fil-lok fejn toqgħod persuna oħra. Tista' tinġibed fuq wieħed u titħallas fil-lok fejn toqgħod terza persuna.

(2) Hija tista' tinġibed għall-ordni u akkont ta' terza persuna.

**129.** (1) Il-kambjala tista' tiġi magħmula f'żewġ eżemplari jew iżjed u ta' dan għandha ssir tismija f'kull eżemplar bil-kelmiet *l-ewwel, it-tieni, it-tielet,* eċċ., u f'dan il-każ, kull eżemplar jiswa għal kollha, u l-eżemplari kollha jagħmlu kambjala waħda. Tista' tinġibed f'żewġ eżemplari jew iżjed.

(2) Meta ma jkunx hemm din it-tismija, kull eżemplar jitqies bħala kambjala għaliha.

FUQ ID-DMIRIJIET TAT-TRAENT

Jista' jintalab iżjed minn eżemplar wieħed.

**130.** It-traent għandu jagħti lill-prenditur, jekk dan hekk jitlob, qabel ma l-kambjala tagħlaq, żewġ eżemplari jew iżjed tal-kambjala.

Fondi biex jagħmlu tajjeb għall-ħlas tal-kambjala.

**131.** (1) It-traent, jew, meta l-kambjala hija miġbuda akkont ta' ħaddieħor, dak li akkont tiegħu l-kambjala tkun inġibdet, għandu jieħu ħsieb li meta l-kambjala tagħlaq ikun hemm akkont tiegħu f'idejn it-trattarju provvista ta' fondi biżżejjed għall-ħlas tagħha, ukoll jekk dik il-kambjala għandha titħallas fil-lok fejn toqgħod terza persuna.

(2) Iżda, min jiġbed kambjala għal isem ħaddieħor jibqa' obbligat persunalment lejn il-prenditur, lejn il-ġiranti u lejn il-pussessur tal-kambjala.

Meta jitqies li trattarju għandu l-provvista tal-fondi.

**132.** Jitqies li saret f'idejn it-trattarju l-provvista tal-fondi, jekk, fiż-żmien li tagħlaq il-kambjala, hu jkun debitur tat-traent, jew tal-persuna li akkont tagħha l-kambjala tkun inġibdet, f'somma mhux anqas minn dik imsemmija fil-kambjala.

Meta hemm aċċettazzjoni jitqies li hemm il-provvista tal-fondi.

**133.** (1) L-aċċettazzjoni tissupponi li hemm il-provvista tal-fondi, u hija tagħmel prova ta' dik il-provvista kwantu għall-pussessuri u għall-ġiranti.

(2) It-traent biss, ikun hemm jew ma jkunx hemm aċċettazzjoni, hu fl-obbligu li jipprova, fil-każ ta' kontestazzjoni, li l-persuni li fuqhom il-kambjala kienet miġbuda kellhom il-provvista tal-fondi meħtiega għall-ħlas tal-kambjala fiż-żmien li għalqet; inkella jkun obbligat jagħmel tajjeb għall-kambjala, għalkemm il-protest ikun sar wara ż-żminijiet stabbiliti.

Kambjala ipprotestata.

**134.** (1) Il-pussessur ta' kambjala ipprotestata m'għandu, f'ebda każ, jedd fuq il-provvista tal-fondi magħmula mit-traent jew minn dak li akkont tiegħu tkun inġibdet.

(2) Jekk il-kambjala ma tkunx ġiet aċċettata, il-provvista tal-fondi, f'każ ta' falliment tal-parti li tkun għamlitha, terġa' tidħol fil-massa.

(3) Jekk il-kambjala tkun ġiet aċċettata, il-provvista ta' fondi tibqa' għall-aċċettant, taħt l-obbligu li jħallas lill-pussessur tal-kambjala.

Meta t-traent jipprojbixxi t-trasferiment tal-kambjala.

**135.** Meta t-traent jipprojbixxi t-trasferiment tal-kambjala b'dikjarazzjoni espressa fuqha stess, u b'dankollu hija tiġi ittrasferita, il-ġiratarju ma jakkwistax ħlief il-jeddijiet li jmissu lill-prenditur.

---

FUQ IL-ĠÎRA TAL-KAMBJALA

Trasferiment b'ġîra.

**136.** Il-pussessur ta' kambjala jista' jittrasferixxi l-proprjetà tagħha bil-ġîra.

Lil min tista' tiġi mdawra.

**137.** Il-kambjala tista' tiġi mdawra lit-trattarju, lill-aċċettant, jew lill-ġirant ta' qabel, jew ukoll imdawra lura lit-traent, u tista'

terġa' tiġi mdawra minn kull wieħed minnhom.

**138.** Il-ġîra ssir fid-dahar tal-kambjala, jew fuq biċċa karta msejħa *allonge,* li, meta meħtieġ, tiġi mwaħħla ma' l-istess kambjala.

Fejn issir il-ġîra.

**139.** Il-ġîra tista' ssir billi jitniżżlu fiha l-isem ta' dak li lilu, jew li għall-ordni tiegħu, għandu jsir il-ħlas, id-data tal-ġîra, u partikularitajiet oħra; tista' ssir ukoll in bjank, bil-firma biss tal-ġirant.

Il-ġîra tista' tkun speċjali jew in bjank.

**140.** (1) Il-ġirant iwieġeb lejn kull pussessur ta' wara għall-aċċettazzjoni u għall-ħlas tal-kambjala.

Responsabbiltà tal-ġirant.

(2) Iżda, jekk fil-ġîra tiġi miżjuda d-dikjarazzjoni "mingħajr garanzija" jew kliem ieħor li jġib l-istess riżerva, il-ġirant li jkun fisser ruħu b'dan il-mod jibqa' meħlus minn kull obbligu li jitnissel mill-ġîra tiegħu.

Ġîra "mingħajr garanzija".

**141.** Meta l-ġirant fil-ġîra tiegħu jkun espressament ipprojbixxa kull trasferiment ieħor tal-kambjala, dawk li wara tiġi lilhom imdawra l-kambjala ma jkollhom ebda jedd ta' regress kontra dak il-ġirant.

Il-ġirant li jipprojbixxi t-trasferiment mhux responsabbli lejn il-pussessuri ta' wara.

**142.** Jekk il-ġîra ssir bid-dikjarazzjoni "għall-inkass" jew bi kliem ieħor li juri ordni mogħti mill-ġirant, din il-ġîra ma tittrasferix il-proprjetà tal-kambjala, iżda tgħaddi biss lill-ġiratarju l-ordni li jkun fiha, u f'dan il-każ, il-ġiratarju jista' biss jgħaddi lil ħaddieħor dak l-istess ordni b'ġîra bħalha.

Effett ta' ġîra limitata.

**143.** (1) Jekk il-ġîra ssir wara li jagħlaq iż-żmien li fih għandu jsir il-protest minħabba nuqqas ta' ħlas, il-ġiratarju jakkwista kontra t-trattarju l-jeddijiet kollha li joħorġu mill-aċċettazzjoni li tkun ġà saret u l-jeddijiet ta' regress kontra dawk illi jkunu dawru l-kambjala wara li jgħaddi dak iż-żmien.

Meta l-ġîra ssir wara li jagħlaq iż-żmien għall-protest minħabba nuqqas ta' ħlas jew ta' aċċettazzjoni.

(2) Id-dispożizzjoni ta' dan l-artikolu tgħodd ukoll jekk il-ġira ssir wara li jagħlaq iż-żmien li fih għandu jsir il-protest minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni.

**144.** Jekk il-ġîra ssir wara li l-kambjala tkun giet ipprotestata minħabba nuqqas ta' ħlas, din il-ġîra ma tagħtix lill-ġiratarju ebda jeddijiet oħra ħlief dawk tal-ġirant tiegħu lejn it-trattarju, jekk dan ikun aċċetta l-kambjala, u lejn dawk il-ġiranti li jkunu għadhom obbligati fl-istess kambjala.

Jeddijiet tal-ġiratarju meta l-ġîra ssir wara l-protest minħabba nuqqas ta' ħlas.

**145.** Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-ġiratarju jżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħu kontra t-traent, u kontra dak li akkont tiegħu l-kambjala tkun ġiet miġbuda.

Jeddijiet tal-ġiratarju kontra t-traent.

**146.** Meta l-ġirant ikun għamel fil-ġîra tiegħu ż-żmien li fih il-kambjala għandha tiġi ppreżentata lit-trattarju, l-obbligazzjoni li toħroġ mill-ġîra tispiċċa, jekk il-kambjala ma tiġix ppreżentata għall-aċċettazzjoni fiż-żmien hekk imsemmi.

Meta l-ġirant jagħmel iż-żmien għall-preżentata tal-kambjala.

**147.** Il-pussess biss ta' kambjala li ma tkunx imdawra lill-pussessur tagħti lil dan il-jedd li jippreżenta din il-kambjala għall-aċċettazzjoni u li jagħmel il-protest minħabba n-nuqqas ta' aċċettazzjoni.

Jeddijiet tal-pussessur meta l-kambjala ma tkunx imdawra lilu.

FUQ L-AĊĊETTAZZJONI

Kif għandha ssir l-aċċettazzjoni.

**148.** L-aċċettazzjoni tal-kambjala għandha ssir fuq il-kambjala nfisha, bil-firma tal-aċċettant, bil-kelmiet "naċċetta", jew "aċċettata", jew mingħajrhom.

Meta l-aċċettazzjoni għandha ġġib id-data.

**149.** L-aċċettazzjoni għandha ġġib id-data, jekk il-kambjala għandha titħallas f'ċertu żmien "*vista*" jew skont l-użu. In-nuqqas tad-data tal-aċċettazzjoni jagħmel il-kambjala eżiġibbli fiż-żmien fiha msemmi, li jibda jgħodd mid-data tagħha.

L-aċċettazzjoni ma tistax tkun kondizzjonali, iżda tista' tkun limitata.

**150.** (1) L-aċċettazzjoni ma tistax tkun kondizzjonali, iżda tista' tkun limitata kwantu għas-somma li għandha titħallas.

(2) L-aċċettazzjoni kondizzjonali titqies bħala rifjut ta' aċċettazzjoni.

Meta l-kambjala għandha tiġi aċċettata.

**151.** (1) Il-kambjala għandha tiġi aċċettata minnufih li tiġi ippreżentata, jew l-aktar tard fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mill-preżentata tagħha.

(2) Jekk, wara li jagħlaq dan iż-żmien, ma tiġix mogħtija lura, aċċettata jew mhix aċċettata, dak li jkun żammha hu obbligat għad-danni u l-imgħaxijiet lejn il-pussessur.

Obbligi tal-aċċettant.

**152.** (1) Bl-aċċettazzjoni ta' kambjala, l-aċċettant jieħu fuqu l-obbligu li jħallas l-ammont tagħha, u ma jistax jiġi meħlus minn dan l-obbligu, għalkemm it-traent, jew dak li akkont tiegħu l-kambjala ġiet aċċettata, ikun, mingħajr hu ma kien jaf, falla qabel l-aċċettazzjoni tal-kambjala.

(2) Iżda, jekk l-aċċettant ma kellux provvista ta' fondi, hu jista' jdur kontra t-traent jew kontra l-parti li akkont tagħha l-kambjala ġiet aċċettata; f'kull każ bħal dan l-aċċettazzjoni tagħti lok biss għal sempliċi preżunzjoni kontra l-aċċettant, li jkollu l-jedd għall-prova kuntrarja.

Protest minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni.

**153.** (1) Ir-rifjut ta' aċċettazzjoni għandu jiġi ippruvat bi protest, li jissejjaħ protest minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni.

(2) Jekk il-kambjala ma tiġix aċċettata għas-somma kollha li għaliha tkun ġiet miġbuda, għandu jsir l-istess protest għad-differenza.

Dmir tat-traent u tal-ġiranti meta jiġu notifikati bil-protest minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni.

**154.** Wara n-notifika tal-protest imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, il-ġiranti u t-traent huma, rispettivament, obbligati jagħtu garanzija tajba għall-ħlas tal-ammont tal-kambjala meta tagħlaq jew tal-ammont li għalih ma tkunx ġiet aċċettata, jew inkella jħallsu l-kambjala flimkien ma' l-ispejjeż tal-protest u tar-rikambju.

Meta l-kondizzjoni tal-aċċettant titbiddel wara l-aċċettazzjoni tal-kambjala.

**155.** Jekk, wara l-aċċettazzjoni tal-kambjala, jiġi ippruvat li l-kondizzjoni tal-aċċettant, fl-affarijiet tiegħu kummerċjali, tbiddlet b'mod li wieħed ikollu raġun jaħseb li l-kambjala ma tiġix imħallsa meta tagħlaq, tista' tintalab kontra t-traent, il-ġiranti, u wkoll kontra l-aċċettant innifsu, l-istess garanzija bħal dik imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan.

Obbligazzjoni tal-garanti.

**156.** Il-garanti ta' wieħed biss minn dawk li jkunu obbligati jagħtu garanzija, mhux obbligat *in solidum* ħlief ma' dak li għalih

jagħmel garanzija.

**157.** Il-fatt li wieħed iwiegħed li jaċċetta kambjala ma jiswiex bħala aċċettazzjoni, iżda dak li lilu tkun ġiet imwiegħda l-aċċettazzjoni għandu azzjoni għad-danni u għall-imgħaxijiet kontra min wiegħed fil-każ li dan irrifjuta li jaċċetta bħal ma wiegħed.

Wegħda ta' aċċettazzjoni.

---

FUQ L-AĊĊETTAZZJONI GĦALL-UNUR TAL-FIRMA JEW B'INTERVENT

**158.** (1) Meta kambjala tkun ġiet ipprotestata minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni, kull persuna, li ma tkunx ġà obbligata fiha, tista' tindaħal u taċċetta l-kambjala għall-unur tat-traent, jew ta' wieħed mill-ġiranti, sew b'ordni jew mingħajr ordni għaldaqshekk ta' dak it-traent jew ġirant.

Aċċettazzjoni għall-unur tal-firma jew b'intervent.

(2) It-trattarju nnifsu jista', wara l-protest minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni, jindaħal bħala barrani kif jingħad hawn fuq.

**159.** Jekk diversi persuni joffru li jaċċettaw kambjala għall-unur tal-firma, għandhom preferenza -

(*a*) dawk li jindaħlu għat-traent jew għal dak li akkont tiegħu l-kambjala tkun ġiet miġbuda;

(*b*) dawk li jindaħlu għall-ġiranti skont l-ordni tal-ġîri.

Ordni ta' preferenza meta diversi persuni joffru li jaċċettaw għall-unur tal-firma.

**160.** Jekk tnejn jew iżjed joffru li jaċċettaw b'intervent għall-istess persuna, il-pussessur tal-kambjala jista' jagħżel lil min irid minnhom.

Il-pussessur jista' jagħżel.

**161.** Iżda, dak li jkun ġie inkarigat jindaħal mill-persuna li għaliha jkun irid jaċċetta għandu, f'kull każ, preferenza fuq dawk li joffru li jaċċettaw għall-istess persuna, mingħajr dak l-inkarigu.

Għandu preferenza dak li jkun inkarigat jindaħal.

**162.** Il-pussessur ta' kambjala jista', bħal kull persuna oħra, jaċċetta b'intervent u jista', taħt l-istess ċirkostanzi, jagħti preferenza lilu nnifsu.

Il-pussessur ta' kambjala jista' jaċċetta għall-unur tal-firma.

**163.** L-aċċettazzjoni għall-unur tal-firma għandha ssir bil-miktub fuq il-kambjala u għandha tiġi iffirmata mill-aċċettant għall-unur, u għandha tiġi msemmija fl-att tal-protest jew f'att ieħor wara bħala żieda miegħu jew imdaħħal fih.

Kif issir l-aċċettazzjoni għall-unur tal-firma.

**164.** L-aċċettant għall-unur għandu jitlob il-kunsinna tal-protest li jkun sar minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni, u għandu jgħarraf, mingħajr dewmien, bl-intervent tiegħu lill-parti li għall-unur tagħha jkun indaħal, u jikkomunikalha l-protest hawn fuq imsemmi: fin-nuqqas ta' dan, huwa jwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet.

Dmirijiet tal-aċċettant għall-unur.

**165.** Jekk l-aċċettant għall-unur jonqos li jsemmi l-persuna li għall-unur tagħha huwa jindaħal, l-aċċettazzjoni titqies li saret għall-unur tat-traent, jew tal-parti li akkont tagħha l-kambjala tkun ġiet miġbuda, jekk l-isem ta' dik il-parti jkun jidher fuq il-kambjala.

Meta l-aċċettant għall-unur ma jsemmix il-persuna li għaliha jindaħal.

Jeddijiet tal-pussessur fil-każ ta' aċċettazzjoni għall-unur.

**166.** (1) Għad li jkun hemm l-aċċettazzjoni għall-unur, il-pussessur ta' kambjala jżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħu kollha li jkollu kontra t-traent u l-ġiranti minħabba n-nuqqas ta' aċċettazzjoni tat-trattarju.

(2) Iżda, jekk l-intervent għall-bżonn jiġi irrikmandat mit-traent innifsu fl-istess kambjala, u din tiġi aċċettata minn min ikollu l-inkarigu biex jindaħal, ma tkunx meħtieġa l-garanzija msemmija fl-artikolu 154.

Il-kambjala aċċettata għall-unur għandha tiġi ippreżentata għall-ħlas lit-trattarju oriġinali.

**167.** (1) Kambjala aċċettata għall-unur għandha tiġi ippreżentata lit-trattarju oriġinali għall-ħlas fiż-żmien li tagħlaq, u ipprotestata kontra tiegħu jekk ma tiġix imħallsa.

(2) Fin-nuqqas ta' dan il-protest, l-aċċettant għall-unur mhux obbligat iħallas il-kambjala, u jekk iħallasha mingħajr ma jkun hemm il-protest, huwa jitlef il-jedd ta' regress kontra dawk li setgħu jkollhom interess li l-kambjala tiġi ipprotestata kontra t-trattarju.

---

FUQ IS-SOLIDARJETÀ

Il-partijiet f'kambjala huma obbligati *in solidum.*

**168.** Dawk kollha li jiffirmaw, jaċċettaw jew idawru kambjala, huma obbligati *in solidum* għall-garanzija lejn il-pussessur.

---

FUQ L-AVALL

Avall.

**169.** Apparti mill-aċċettazzjoni u l-ġîra, il-ħlas ta' kambjala jista' jiġi ggarantit b'avall, li hu l-obbligazzjoni ta' terza persuna.

Kif jingħata l-avall.

**170.** L-avall jista' jingħata fuq il-kambjala nfisha, jew b'att għalih, jew ukoll b'ittra.

Obbligazzjoni ta' min jagħti l-avall.

**171.** Dak li jagħti l-avall hu obbligat *in solidum* u bl-istess mod li huma obbligati t-traent u l-ġiranti, jekk il-partijiet ma jkunux ftiehmu xort'oħra.

---

FUQ L-ISKADENZA U L-ĦLAS TAL-KAMBJALA

Iż-żmien tal-ħlas.

**172.** Il-kambjala tista' tiġi magħmula li titħallas -

(*a*) "*a vista*";

(*b*) fi żmien jew jum determinat;

(*ċ*) f'ċertu żmien *"vista";*

(*d*) f'ċertu żmien mid-data;

(*e*) skont l-użu.

"*A vista*".

**173.** Il-kambjala miġbuda *"a vista"* għandha titħallas malli tiġi ppreżentata.

**174.** Il-kambjala miġbuda għal żmien jew jum determinat għandha titħallas fiż-żmien jew fil-jum fiha msemmijin.

Għal żmien jew jum determinat.

**175.** Meta ż-żmien tal-ħlas imsemmi fil-kambjala hu għan-nofs ix-xahar, il-kambjala titqies magħluqa fil-ħmistax ta' dak ix-xahar.

Kambjala li għandha titħallas f'nofs ix-xahar.

**176.** Il-kambjala miġbuda għal ċertu żmien "*vista*" jew għal ċertu żmien mid-data, għandha titħallas -

Kambjala li għandha titħallas f'ċertu żmien "*vista*" jew mid-data.

(*a*) jekk iż-żmien hu indikat bi ġranet, fl-aħħar ġurnata tal-ġranet imsemmija: iżda, jekk il-kambjala tkun miġbuda għal ċertu żmien "vista", il-ġurnata li fiha l-kambjala tiġi ppreżentata għall-aċċettazzjoni ma tingħaddx, u fil-każ li l-kambjala tkun miġbuda għal ċertu żmien mid-data, il-ġurnata tad-data tal-kambjala ma tingħaddx;

(*b*) jekk iż-żmien hu indikat b'ġimgħat jew b'xhur, fil-ġurnata tal-ġimgħa jew tax-xahar li tkun taqbel, fl-isem jew fin-numru, mal-ġurnata li fiha l-kambjala tkun ġiet ippreżentata għall-aċċettazzjoni jew mal-ġurnata tad-data tal-kambjala:

Iżda, kemm-il darba din il-ġurnata ma tkunx tidħol fix-xahar li fih għandu jsir il-ħlas, il-kambjala titqies magħluqa fl-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

**177.** Iż-żmien imsemmi bil-kelmiet "nofs xahar" ifissru ħmistax-il ġurnata.

Nofs xahar.

**178.** Ix-xhur huma dawk skont il-kalendarju Gregorjan.

Kalendarju Gregorjan.

**179.** Il-kambjala miġbuda bħala li titħallas skont l-użu għandha titħallas wieħed u għoxrin ġurnata minn dak in-nhar li tiġi ippreżentata għall-aċċettazzjoni.

Kambjala miġbuda skont l-użu.

**180.** Jekk ma jkunx ġie indikat xi wieħed miż-żminijiet imsemmija fl-artikolu 172, il-kambjala titħallas "*a vista*".

Meta ma jissemma' ebda żmien, il-kambjala titħallas "*a vista*".

**181.** Jekk il-ġurnata li fiha tagħlaq kambjala hija ġurnata ta' nhar ta' Ħadd jew festa kmandata jew tal-Ġimgħa l-Kbira jew ta' ġurnata oħra ta' vakanza pubblika, hija għandha titħallas il-ġurnata ta' wara, li ma tkunx vakanza pubblika.

Meta l-ġurnata tal-iskadenza hija l-Ħadd, eċċ. *Emendat: V.1904.8.*

**182.** Il-kambjala titqies magħluqa mill-waqt li l-persuna li fuqha tkun miġbuda tiġi iddikjarata falluta, u f'dan il-każ il-pussessur jista' jagħmel il-protest tal-kambjala msemmi fl-artikolu 191; iżda t-traent u l-ġiranti jistgħu, jekk jiġu msejħin għall-ħlas, jiddiferixxu l-ħlas sa dak in-nhar li l-kambjala tagħlaq skont il-kondizzjonijiet li taħthom tkun ġiet miġbuda, billi jagħtu l-garanzija msemmija fl-artikolu 154.

Meta t-trattarju jiġi ddikjarat fallut.

**183.** Il-kambjala għandha titħallas bix-xorta ta' flus imsemmija fiha. Iżda, jekk ix-xorta ta' flus imsemmija fil-kambjala hija immaġinarja jew m'għandhiex kors legali fil-lok li fih għandu jsir il-ħlas, u fil-kambjala ma jkunx hemm imsemmi l-valur ta' dik ix-xorta ta' flus, il-ħlas isir bil-flus li għandhom kors legali fil-lok tal-ħlas, f'somma li taqbel mal-valur tal-flus imsemmija fil-kambjala fiż-żmien li din tagħlaq, kemm-il darba t-traent, bl-użu tal-klawsola

B'liema flus titħallas il-kambjala.

*in effettivi* jew ta' klawsola oħra bħalha, ma jkunx wera r-rieda li l-ħlas isir fix-xorta ta' flus minnu msemmija, basta li din ix-xorta ta' flus ma tkunx immaġinarja.

Min iħallas mhux obbligat jivverifika l-awtentiċità tal-ġîri.

**184.** Dak li jħallas kambjala mhux obbligat jivverifika l-awtentiċità tal-ġîri.

Ħlas qabel l-egħluq.

**185.** Dak li jħallas kambjala qabel ma tagħlaq iwieġeb għall-validità tal-ħlas.

Ħlas fl-egħluq mingħajr oppożizzjoni jġib il-ħelsien.

**186.** Dak li jħallas kambjala meta tagħlaq, u mingħajr oppożizzjoni, jitqies meħlus skont il-liġi.

Il-pussessur ma' jistax jiġi mġiegħel jirċievi l-ħlas qabel l-egħluq.

**187.** Il-pussessur ta' kambjala ma jistax jiġi mġiegħel jirċievi l-ħlas tagħha qabel ma tagħlaq.

Ħlas tat-tieni, it-tielet, eċċ.

**188.** Il-ħlas ta' kambjala magħmul fuq it-tieni, it-tielet, jew eżemplar ieħor, jiswa, basta li jkun speċifikat fuq dan it-tieni, it-tielet, jew eżemplar ieħor, li dan il-ħlas ineħħi l-effett tal-eżemplari l-oħra tal-kambjala.

Meta l-eżemplar aċċettat tal-kambjala ma jiġix meħud lura minn min iħallas.

**189.** Dak li jħallas kambjala fuq it-tieni, it-tielet, jew eżemplar ieħor, mingħajr ma jieħu lura l-eżemplar li fuqu jkun aċċetta, ma jiġix meħlus quddiem it-terz li jkollu f'idejh l-eżemplar aċċettat, bla ħsara tal-jedd ta' regress kontra dak li lilu ħallas bla ma kien imiss.

Meta jiġu aċċettati żewġ eżemplari jew iżjed.

**190.** Meta kambjala tinġibed fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet, jew f'aktar eżemplari, u t-trattarju jaċċetta iżjed minn eżemplar wieħed, hu obbligat iħallas l-eżemplari kollha aċċettati li jiġu ppreżentati lilu fl-iskadenza minn kull pussessur tagħhom, bla ħsara tal-jedd ta' regress kontra dak li jkun għamel użu ta' iżjed minn eżemplar wieħed tal-kambjala.

Protest għal nuqqas ta' ħlas.

**191.** Ir-rifjut tal-ħlas ta' kambjala għandu jiġi ppruvat bi protest, li jissejjaħ protest għal nuqqas ta' ħlas.

Ħlas ta' kambjala mhux imdawra lill-pussessur.

**192.** Dak li jitlob il-ħlas ta' kambjala li ma tkunx ġiet imdawra lilu, iżda li, fl-istess ħin, juri li ġiet lilu mibgħuta biex idaħħal il-ħlas tagħha, jista', billi jagħti garanzija tajba, jitlob il-ħlas tagħha, u jista' jipprotestaha jekk ma tiġix imħallsa.

Responsabbiltà tal-pussessur li jitħallas tal-kambjala.

**193.** Il-pussessur ta' kambjala li jirċievi l-ħlas tagħha, u l-ġiranti kollha ta' qablu, huma garanti lejn dak li ħallasha tal-validità tal-ġîri kollha ta' qabel.

Il-ħlas isir kontra l-kunsinna tal-kambjala.

**194.** Bla ħsara tal-każ imsemmi fl-artikoli 201 u 202, id-debitur mhux obbligat iħallas il-kambjala ħlief kontra l-kunsinna tagħha bl-irċevuta kif imiss.

Ħlas ta' biċċa mis-somma.

**195.** (1) Il-pussessur tal-kambjala ma jistax jirrifjuta li jirċievi mingħand it-trattarju biċċa biss mis-somma msemmija fiha, ukoll meta l-kambjala tkun ġiet aċċettata mit-trattarju nnifsu, jew minn ħaddieħor, għas-somma kollha, imma l-pussessur għandu jipprotestaha għall-bqija.

(2) Iżda, dak li jkun ħallas biċċa ma jistax jitlob li l-kambjala tiġi ikkunsinnata lilu, imma hu jista' jitlob biss li s-somma li ħallas

tiġi mniżżla fuq il-kambjala, u li tiġi ikkunsinnata lilu kopja tagħha bl-irċevuta tas-somma mħallsa.

**196.** Jekk il-kambjala ma tiġix ippreżentata għall-ħlas meta tagħlaq, l-aċċettant jista', wara li jagħlaq iż-żmien li fih imissu jsir il-protest għal nuqqas ta' ħlas, iqiegħed l-ammont tal-kambjala fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, bi spejjeż u riskju tal-pussessur.

Meta l-kambjala ma tiġix ippreżentata għall-ħlas.
*Emendat: XXIV.1995.362.*

**197.** L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-ġiranti ma jistgħux jingħataw kontra l-pussessur ta' kambjala.

Eċċezzjonijiet persunali għall-ġiranti.

**198.** (1) L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.

Eċċezzjonijiet persunali għall-pussessur.

(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma.

**199.** Ma tistax issir oppożizzjoni għall-ħlas ta' kambjala ħlief fil-każ ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-pussessur.

Oppożizzjoni għall-ħlas ta' kambjala.

**200.** Fil-każ ta' telf ta' kambjala mhux aċċettata, sid il-kambjala jista' jitlob il-ħlas tagħha fuq it-tieni, it-tielet, ir-raba', jew eżemplar ieħor.

Telf ta' kambjala mhux aċċettata.

**201.** Jekk il-kambjala mitlufa tkun aċċettata, il-ħlas ma jistax jintalab fuq it-tieni, it-tielet, ir-raba', jew eżemplar ieħor, kemm-il darba dak li jitlob il-ħlas ma jippruvax kif imiss il-jedd tiegħu u ma jagħtix garanzija tajba.

Telf ta' kambjala aċċettata.

**202.** Meta dak li tilef il-kambjala, aċċettata jew le, ma jistax jippreżenta t-tieni, it-tielet, ir-raba', jew eżemplar ieħor tagħha, hu jista' madankollu jitlob u jieħu l-ħlas tagħha, jekk jipprova kif imiss il-jedd tiegħu fuqha u jagħti garanzija tajba.

Meta l-pussessur ma jistax jippreżenta eżemplar tal-kambjala.

**203.** L-obbligazzjoni li tinħoloq bil-garanzija msemmija fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, tispiċċa wara tliet snin.

Meta tispiċċa l-obbligazzjoni li tinħoloq bil-garanzija.

**204.** Jekk ma tingħatax il-garanzija msemmija fl-artikoli 201 u 202, jista' jintalab, meta ssir il-prova tal-jedd meħtieġa f'dawk l-artikoli, li s-somma li għandha titħallas fuq il-kambjala mitlufa tiġi mqiegħda fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

Meta jista' jintalab li l-ammont tal-kambjala mitlufa jiġi ddepożitat.
*Emendat: XXIV.1995.362.*

**205.** Fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas fuq talba magħmula għalhekk, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 201 u 202, sid il-kambjala mitlufa għandu, sabiex iżomm il-jeddijiet tiegħu kollha, jagħmel att ta' protest, u jinnotifikah lit-traent u lill-ġiranti, fiż-żmien u bil-mod bħal ma jingħad iżjed 'il quddiem dwar il-protest għal nuqqas ta' ħlas.

Protest fil-każ ta' kambjala mitlufa.

**206.** Sid il-kambjala mitlufa, sabiex jieħu t-tieni, it-tielet, jew eżemplar ieħor tagħha, għandu jitlobha lill-ġirant immedjat tiegħu u dan il-ġirant hu fl-obbligu li jagħtih l-għajnuna tiegħu u l-użu ta' ismu biex jaġixxi kontra l-ġirant tiegħu nnifsu, u hekk minn ġirant għall-ieħor sat-traent tal-kambjala.

Obbligu tal-ġirant immedjat lejn il-ġiratarju tiegħu f'każ ta' kambjala mitlufa.

Sid il-kambjala mitlufa hu obbligat għall-ħlas tal-ispejjeż.

**207.** Sid il-kambjala mitlufa hu obbligat għall-ħlas tal-ispejjeż kollha li jsiru minħabba t-telf tagħha.

Responsabbiltà għad-danni fil-każ ta' rifjut ta' għoti tat-tieni, it-tielet jew eżemplar ieħor.

**208.** Dak li jirrifjuta li jagħti t-tieni, it-tielet, jew eżemplar ieħor, meta tkun ġiet mitluba lilu skont l-artikolu 206, iwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet.

FUQ IL-ĦLAS GĦALL-UNUR TAL-FIRMA JEW B'INTERVENT

Ħlas għall-unur.

**209.** Meta kambjala tiġi ipprotestata għal nuqqas ta' ħlas, kull min irid jista' jindaħal u jħallasha taħt protest għall-unur tat-traent jew ta' wieħed mill-ġiranti.

Kif għandu jirriżulta.

**210.** Il-ħlas għall-unur għandu jiġi msemmi fl-att tal-protest jew f'att ieħor wara bħala żieda miegħu jew imdaħħal fih.

Jeddijiet u dmirijiet ta' min iħallas għall-unur.

**211.** (1) Dak li jħallas kambjala b'intervent jidħol fil-jeddijiet tal-pussessur, u fid-dmirijiet tiegħu dwar il-formalitajiet li għandhom jiġu mħarsa.

(2) Barra minn dan, hu għandu jagħti minnufih avviż tal-ħlas lil dak li għall-unur tiegħu jkun indaħal, taħt piena tad-danni u imgħaxijiet.

Ħelsien tal-ġiranti.

**212.** (1) Jekk il-ħlas b'intervent isir għall-unur tat-traent, il-ġiranti kollha jiġu meħlusa.

(2) Jekk il-ħlas isir għall-unur ta' ġirant partikolari, il-ġiranti kollha ta' warajh jiġu meħlusa.

Meta żewġ persuni jew iżjed joffru li jħallsu b'intervent.

**213.** Jekk żewġ persuni jew iżjed joffru li jħallsu kambjala b'intervent, igħoddu r-regoli dwar l-aċċettazzjoni b'intervent.

Il-preferenza tingħata lit-trattarju.

**214.** Iżda, jekk dak li fuqu fil-bidu tkun inġibdet il-kambjala, u li kontra tiegħu jkun sar il-protest għal nuqqas ta' aċċettazzjoni, ikun irid iħallas il-kambjala meta tagħlaq, hu għandu preferenza fuq dawk kollha li jkunu jridu jħallsuha b'intervent.

Jedd tal-aċċettant b'intervent meta l-kambjala tiġi mħallsa minn ħaddieħor.

**215.** L-aċċettant b'intervent, illi ma jħallasx il-kambjala minħabba li tiġi mħallsa mit-trattarju jew minn ħaddieħor, għandu jedd jitlob mingħand dak li ħallas il-kambjala l-ispejjeż li jkun għamel u kummissjoni ta' terz fil-mija.

Meta dak li jħallas għall-unur jitlef il-jedd ta' regress.

**216.** Dak li jħallas kambjala għall-unur, meta persuna oħra, li kellha preferenza fuqu, kienet offriet li tħallas il-kambjala, ma jistax idur kontra dawk il-ġiranti illi kienu jiġu meħlusa minn kull obbligu li kieku ħalset dik il-persuna l-oħra.

Il-kambjala u l-protest għandhom jiġu ikkunsinnati lil min iħallas għall-unur.

**217.** Dak li jħallas għall-unur għandu jedd għall-kunsinna lilu tal-kambjala nfisha u tal-protest għal nuqqas ta' ħlas, u huwa obbligat għar-rimborż tal-ispejjeż tal-protest.

FUQ IL-JEDDIJIET U D-DMIRIJIET TAL-PUSSESSUR

**218.** Il-pussessur ta' kambjala li għandha titħallas f'Malta "*a vista*", jew f'ċertu żmien "*vista*", jew skont l-użu, hu obbligat jippreżenta l-kambjala għall-ħlas jew għall-aċċettazzjoni, fiż-żminijiet imsemmijin fl-artikolu ta' wara dan, li jibdew igħoddu mid-data tal-kambjala, taħt piena li jitlef il-jedd tiegħu ta' regress kontra l-ġiranti, u wkoll kontra t-traent jekk dan ikun għamel il-provvista tal-fondi għall-ħlas tal-kambjala.

Il-pussessur għandu jippreżenta l-kambjala għall-ħlas jew għall-aċċettazzjoni.

**219.** Iż-żminijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan huma:

Żmien li fih għandha ssir il-preżentata.

(*a*) sitt xhur, jekk il-kambjala hija miġbuda minn lok fl-Ewropa, fl-Asja Minuri, fis-Sirja, fl-Eġittu, fi Tripli, f'Tuneż, fl-Alġerija jew fil-Marokk;

(*b*) sena, jekk il-kambjala hija miġbuda minn kull lok ieħor;

(*ċ*) xahar jekk il-kambjala hija miġbuda u għandha titħallas f'Malta:

Iżda, fi żmien ta' gwerra fuq il-baħar, iż-żminijiet imsemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*) jiġu irduppjati.

**220.** L-istess telf ta' jedd imsemmi fl-artikolu 218 ibati l-pussessur ta' kambjala miġbuda f'Malta, u li għandha titħallas "*a vista*", jew f'ċertu żmien "*vista*", jew skont l-użu, f'wieħed jew ieħor mill-pajjiżi msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, jekk il-pussessur ma jippreżentahiex għall-ħlas jew għall-aċċettazzjoni fiż-żminijiet imsemmijin f'dak l-artikolu.

Kambjala li għandha titħallas barra minn Malta.

**221.** Il-pussessur ta' kambjala miġbuda għal ċertu żmien jew jum determinat, jew għal ċertu żmien mid-data, mhux obbligat jippreżenta l-kambjala għall-aċċettazzjoni, iżda jekk jagħżel li jippreżentaha għandu jipprotestaha jekk ma tiġix aċċettata.

Xi kambjali jistgħu ma jiġux ippreżentati għall-aċċettazzjoni.

**222.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 218, 220 u 221 ma jgħoddux għat-traent u għall-ġiranti li jkunu taw b'mod li jiswa ordnijiet xort' oħra.

Meta t-traent jew il-ġiranti jagħtu ordnijiet xort' oħra.

**223.** Il-pussessur ta' kambjala għandu jippreżentaha għall-ħlas dak in-nhar li tagħlaq.

Il-preżentata għall-ħlas għandha ssir fl-iskadenza.

**224.** Il-preżentata ta' kambjala għall-aċċettazzjoni jew għall-ħlas, il-protest, it-talba għal eżemplar ta' kambjala, kif ukoll l-atti l-oħra kollha kontra persuna partikolari dwar il-kambjala, għandhom isiru fil-lok tal-kummerċ ta' din il-persuna inkella ta' fejn toqgħod bid-dar.

Fejn għandhom isiru l-preżentata, il-protest, eċc.

**225.** (1) Il-pussessur ta' kambjala ma jistax jitlob l-aċċettazzjoni tagħha, jew il-kunsinna ta' eżemplar, jew l-esekuzzjoni ta' att ieħor dwarha, ħlief f'ġurnata li mhix ġurnata ta' vakanza pubblika.

L-aċċettazzjoni ma tistax tintalab nhar ta' Ħadd, eċċ. *Emendat: V.1904.9.*

(2) Jekk l-aħħar ġurnata li fiha għandha tintalab l-esekuzzjoni ta' xi wieħed minn dawn l-atti tkun ġurnata ta' nhar ta' Ħadd, jew ta' festa kmandata oħra, jew ta' nhar il-Ġimgħa l-Kbira, jew ġurnata oħra ta' vakanza pubblika, it-talba għall-esekuzzjoni għandha ssir fil-ġurnata ta' wara li mhix ġurnata ta' vakanza pubblika.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll għall-

protest.

Meta għandu jsir il-protest.

**226.** (1) Il-protest għal nuqqas ta' aċċettazzjoni għandu jsir fil-ġurnata ta' wara dik li fiha l-kambjala tiġi ppreżentata għall-aċċettazzjoni.

(2) Il-protest għal nuqqas ta' ħlas għandu jsir fil-ġurnata ta' wara dik li fiha l-kambjala tagħlaq.

Il-protest għal nuqqas ta' aċċettazzjoni, eċċ., ma jeħlisx lill-pussessur mill-protest għal nuqqas ta' ħlas.

**227.** (1) Il-protest għal nuqqas ta' aċċettazzjoni, jew il-mewt jew il-falliment ta' dak li fuqu l-kambjala tkun miġbuda, ma jeħilsux lill-pussessur mill-protest tal-kambjala għal nuqqas ta ħlas.

(2) Jekk l-aċċettant ifalli qabel ma tagħlaq il-kambjala, il-pussessur jista' jipprotesta l-kambjala u jdur kontra min imiss.

Il-pussessur għandu jitlob l-aċċettazzjoni mill-persuna msemmija fuq il-kambjala jekk it-trattarju jirrifjuta li jaċċettaha.

**228.** Jekk fil-kambjala jkun hemm imsemmija l-persuna għall-aċċettazzjoni jew għall-ħlas b'intervent, u t-trattarju jirrifjuta li jaċċettaha, il-pussessur għandu, wara li jipprotesta l-kambjala kontra t-trattarju, jippreżentaha għall-aċċettazzjoni lill-persuna msemmija fiha.

Il-pussessur għandu jitlob il-ħlas mingħand l-aċċettant għall-unur, eċċ., jekk it-trattarju jirrifjuta li jħallas il-kambjala.

**229.** Jekk il-persuna li fuqha l-kambjala tkun miġbuda tirrifjuta li tħallasha, il-pussessur għandu, wara li jipprotesta l-kambjala kontra tagħha, jippreżentaha għall-ħlas lill-aċċettant għall-unur, u, f'każ ta' rifjut ta' dan tal-aħħar, lil kull persuna oħra msemmija fil-kambjala għall-aċċettazzjoni jew għall-ħlas tagħha fil-każ ta' bżonn.

Ir-rifjut tal-aċċettant għall-unur, eċċ., għandu jiġi mniżżel fil-protest jew wara.

**230.** lr-rifjut, sew tal-aċċettazzjoni kemm tal-ħlas, minn waħda mill-persuni msemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, għandu jiġi msemmi fl-att tal-protest kontra t-trattarju jew wara dak il-protest.

Il-pussessur ma jistax jirrifjuta l-aċċettazzjoni jew il-ħlas għall-unur tal-firma.

**231.** (1) Il-pussessur ta' kambjala ipprotestata għal nuqqas ta' aċċettazzjoni jew ta' ħlas, ma jistax jirrifjuta l-aċċettazzjoni jew il-ħlas li wieħed joffri li jagħmel b'intervent għall-unur tal-firma tat-traent jew ta' xi wieħed mill-ġiranti.

(2) lżda, b'din l-aċċettazzjoni għall-unur tal-firma, ma jispiċċax għall-pussessur il-jedd għall-garanzija msemmija fl-artikolu 154.

X'jiswew il-kelmiet "mingħajr protest ".

**232.** It-talba jew l-ordni li jkun hemm fil-kambjala sabiex din titraġġa lura mingħajr protest (*retour sans protêt*), teħles lill-pussessur mill-obbligu li jipprotesta l-kambjala, iżda ma teħilsux mill-obbligu li jippreżenta l-kambjala fiż-żmien li jmiss.

Avviż ta' nuqqas ta' aċċettazzjoni jew ta' ħlas.

**233.** (1) Il-pussessur ta' kambjala ipprotestata għal nuqqas ta' aċċettazzjoni jew ta' ħlas għandu, mingħajr dewmien, jagħti avviż bil-miktub ta' dak in-nuqqas lill-ġirant li jiġi minnufih qablu.

(2) Kull ġirant, meta jirċievi dan l-avviż, għandu, mingħajr dewmien, jinnotifikah lill-ġirant li jiġi minnufih qablu.

(3) L-avviż imsemmi f'dan l-artikolu għandu jkollu miegħu l-protest.

**234.** Jekk ġirant idawwar il-kambjala lil ħaddieħor mingħajr ma jniżżel l-indirizz tiegħu, l-avviż tan-nuqqas tal-aċċettazzjoni jew tal-ħlas għandu jingħata lill-ġirant li jiġi minnufih qablu.

Meta fil-ġîra ma jkunx hemm l-indirizz tal-ġirant.

**235.** Il-pussessur ta' kambjala ma jistax, għal nuqqas ta' ħlas, idur kontra t-traent jew kontra l-ġiranti -

Meta l-pussessur jitlef il-jedd ta' regress.

(*a*) jekk il-kambjala ma tkunx ġiet ippreżentata għall-aċċettazzjoni, meta hu meħtieġ, jew għall-ħlas, lit-trattarju jew lill-persuni msemmijin fl-artikoli 228 u 229;

(*b*) jekk il-pussessur jirrifjuta l-aċċettazzjoni jew il-ħlas mingħand wieħed li ried jindaħal għall-unur tal-firma tat-traent jew ta' xi wieħed mill-ġiranti.

**236.** Il-pussessur lanqas ma jkollu jedd idur kontra l-ġiranti jew kontra t-traent li jkun għamel il-provvista tal-fondi f'idejn it-trattarju jew f'idejn il-persuni msemmijin fl-artikoli 228 u 229, jekk hu jkun naqas jagħmel dak li hu meħtieġ skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 226, 230 u 233.

Każijiet oħra li fihom il-pussessur jitlef il-jedd ta' regress.

**237.** Il-pussessur ta' kambjala ipprotestata għal nuqqas ta' ħlas għandu jedd idur kontra l-obbligati kollha flimkien, jew kontra wieħed biss jew kontra xi wħud minnhom, mingħajr ma jitlef il-jedd tiegħu rigward dawk li kontra tagħhom ma jkunx aġixxa, u huwa mhux obbligat jimxi skont l-ordni tal-ġîri.

Kif jista' jiġi eżerċitat il-jedd ta' regress.

**238.** Il-jedd ta' regress kontra l-ġiranti u t-traenti li jkunu joqogħdu f'Malta, għal kambjali, ipprotestati għal nuqqas ta' ħlas, miġbuda f'Malta u li għandhom jitħallsu band'oħra, għandu jiġi eżerċitat fiż-żmien -

Żmien li fih għandu jiġi eżerċitat il-jedd ta' regress kontra l-ġiranti u t-traenti li joqogħdu f'Malta.

(*a*) ta' tnax-il xahar, jekk il-kambjala kellha titħallas f'lok fl-Ewropa, fl-Asja Minuri, fis-Sirja, fl-Eġittu, fi Tripli, f'Tuneż, fl-Alġerija jew fil-Marokk;

(*b*) ta' tmintax-il xahar, jekk il-kambjala kellha titħallas f'kull pajjiż ieħor:

Iżda dawn iż-żminijiet jiġu irduppjati fi żmien ta' gwerra fuq il-baħar.

**239.** Iż-żminijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jibdew igħoddu -

Meta jibda jgħaddi ż-żmien.

(*a*) għall-pussessur tal-kambjala, minn dak in-nhar tal-protest għal nuqqas ta' ħlas;

(*b*) għal kull wieħed mill-ġiranti minn dak in-nhar li jkun ġie mitlub lilu l-ħlas, jekk iħallas volontarjament, jew, jekk le, minn dak in-nhar li tiġi magħmula kontra tiegħu t-talba ġudizzjarja għall-ħlas.

**240.** Wara li jagħlqu ż-żminijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-pussessur u l-ġiranti tal-kambjala jitilfu l-jedd ta' regress.

Telf tal-jedd ta' regress bl-egħluq taż-żmien.

Falliment ta' waħda jew iżjed mill-persuni obbligati fil-kambjala.

**241.** (1) F'każ ta' falliment ta' waħda jew iżjed mill-persuni obbligati fil-kambjala ipprotestata, il-pussessur tagħha jista' jġib 'il quddiem it-talba tiegħu għall-ħlas kollu ta' dak li jkollu jieħu kontra l-massa ta' kull wieħed mill-falluti.

(2) Meta jitqassam u jittieħed sehem mill-massa ta' wieħed mill-falluti, il-persuni obbligati fil-kambjala, li ma jkunux falluti, kif ukoll il-massi tal-falluti l-oħra, jiġu meħlusa biss sas-somma tas-sehem li jkun hekk ittieħed.

Meta l-pussessur jaċċetta akkordju volontarju.

**242.** (1) Iżda, jekk il-pussessur tal-kambjala jagħmel akkordju volontarju mat-traent jew ma' l-aċċettant, huwa jitlef il-jedd ta' regress kontra l-ġiranti kollha.

(2) Jekk l-akkordju jsir ma' wieħed mill-ġiranti, il-pussessur jitlef il-jedd ta' regress kontra l-ġiranti kollha ta' wara iżda jżomm il-jeddijiet tiegħu kontra l-aċċettant. Huwa jżomm ukoll il-jeddijiet tiegħu kontra l-ġiranti ta' qabel u kontra t-traent, jekk dawn il-ġiranti jew it-traent ma jippruvawx li batew ħsara b'dak l-akkordju, u kemm-il darba l-pussessur ikun żamm espressament il-jeddijiet tiegħu kontra tagħhom.

(3) Jekk l-akkordju jiġi magħmul mat-traent, l-aċċettant, jekk ma tkunx ġiet lilu magħmula l-provvista tal-fondi, jibqa' meħlus minn kull ohbligazzjoni.

(4) Jekk, fl-aħħarnett, l-akkordju jkun ġie magħmul volontarjament ma l-aċċettant, u dan kellu l-provvista ta' fondi, il-pussessur jitlef il-jedd ta' regress kontra t-traent.

Meta l-jedd ta' regress jerġa' jibda jseħħ.

**243.** Il-jedd ta' regress jerġa' jibda jseħħ favur il-pussessur kontra t-traent jew kontra dak fost il-ġiranti illi, wara li jagħlqu ż-żminijiet stabbiliti għall-protest, għall-avviż, u għall-eżerċizzju tal-jedd hawn fuq imsemmi, jirċievi b'akkont, jew b'kumpens, jew b'kull mod ieħor, il-fondi iddestinati għall-ħlas tal-kambjala.

Min iħallas għandu jedd għall-kunsinna lilu tal-kambjala.

**244.** Kull debitur ta' kambjala għandu jedd, meta jħallas l-ammont tagħha, flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż inċidentali, jitlob li l-kambjala tiġi ikkunsinnata lilu bis-saldu fuqha.

L-aċċettazzjoni u l-ġîri jiswew ukoll jekk il-firma tat-traent tkun falza.

**245.** L-aċċettazzjoni u l-ġîri, jekk huma veri, jibqgħu jiswew, għad li l-firma tat-traent tkun falza jew iffalsifikata.

Jekk il-kambjala jkun fiha aċċettazzjoni jew ġîra falza.

**246.** Jekk kambjala jkun fiha aċċettazzjoni jew ġîra falza jew iffalsifikata, il-ġiranti kollha u t-traent, li l-firem tagħhom ikunu veri, jibqgħu obbligati f'dik il-kambjala.

---

FUQ IL-PROTEST

Il-protest għandu jsir b'nutar pubbliku.

**247.** Il-protesti għal nuqqas ta' aċċettazzjoni jew ta' ħlas għandhom isiru b'nutar pubbliku, illi għandu jmur fil-lok fejn il-persuna, li għandha taċċetta jew tħallas, ikollha l-kummerċ tagħha jew tkun toqgħod bid-dar, u jitlobha taċċetta l-kambjala jew tħallas l-ammont tagħha.

**248.** (1) L-att ta' protest għandu jkun fih kopja kelma b'kelma tal-kambjala, tal-aċċettazzjoni, jekk tkun ġà ġiet aċċettata, tal-ġîri, u tal-ordnijiet mogħtijin fiha, u għandu jkun fih ukoll - *Forma tal-protest.*

(*a*) l-isem ta' dak li favur tiegħu jsir il-protest;

(*b*) t-talba biex jaċċetta jew biex iħallas, magħmula lil dak li kontra tiegħu jsir il-protest;

(*ċ*) il-fatt jekk dak li għandu jaċċetta jew iħallas kienx preżenti jew assenti;

(*d*) ir-raġuni tar-rifjut tal-aċċettazzjoni jew tal-ħlas;

(*e*) id-data li fiha t-talba ġiet magħmula jew tfittxet li tiġi magħmula iżda bla effett.

(2) Fil-każ ta' aċċettazzjoni jew ta' ħlas għall-unur tal-firma, fil-protest għandu jingħad minn min, għall-unur ta' min, u b'liema mod il-kambjala ġiet aċċettata jew imħallsa.

**249.** Meta n-nutar ma jirnexxilux isib lill-persuna li għandha taċċetta jew tħallas, jew ma jirnexxilux isir jaf jekk din il-persuna għandhiex lok tal-kummerċ tagħha, jew ma jirnexxilux isib fejn toqgħod bid-dar, hu għandu jfisser espressament fil-protest li t-tfittix tiegħu baqa' bla effett. *Meta n-nutar ma jirnexxilux isib il-persuna.*

**250.** Meta t-talba għall-aċċettazzjoni jew għall-ħlas għandha ssir lil żewġ persuni jew iżjed, hu biżżejjed li jiġi magħmul att ta' protest wieħed dwar dik it-talba. *Għandu jsir protest wieħed biss ukoll meta t-talba ssir lil diversi persuni.*

**251.** Ebda att ieħor mill-pussessur tal-kambjala ma jista' jiswa minflok l-att tal-protest, minbarra l-każijiet imsemmjin fl-artikoli 199, 200, 201 u 202 dwar it-telf tal-kambjali. *In-nuqqas ta' protest ma jistax jissewwa b'mezz ieħor.*

---

FUQ IR-RIKAMBJU

**252.** Ir-rikambju jsir bil-mezz ta' rivalsa. *Kif isir.*

**253.** Ir-rivalsa hija kambjala ġdida miġbuda mill-pussessur biex jitħallas mingħand it-traent jew mingħand wieħed mill-ġiranti, tal-kreditu tiegħu bħala pussessur għall-kambjala ipprotestata, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256. *Tifsir ta' rivalsa.*

**254.** Ir-rikambju hu irregolat skont kif ikun sejjer il-kambju tal-lok fejn tinġibed ir-rivalsa fuq il-lok fejn isir ir-rimborż. *Kif hu irregolat ir-rikambju.*

**255.** Ir-rivalsa għandu jkollha magħha kont imsejjah "kont ta' ritorn". *Kont ta' ritorn.*

**256.** (1) Dan il-kont għandu jikkomprendi - *X'għandu jkun fih il-kont.*

(*a*) l-ammont tal-kambjala ipprotestata;

(*b*) l-ispejjeż tal-protest, u spejjeż leġittimi oħra, bħal dawk ta' kummissjoni, ta' senserija u ta' postaġġ;

(*ċ*) l-isem ta' dak li fuqu tiġi miġbuda r-rivalsa, u r-rata tal-kambju li bih ġiet innegozjata, iċċertifikat minn sensal jew minn żewġ kummerċjanti.

(2) Il-kont hawn fuq imsemmi għandu jkollu miegħu l-kambjala ipprotestata u l-protest.

Meta m'hemmx kwotazzjoni ta' kambju bejn il-lok fejn issir ir-rivalsa u dak li fuqu tiġi miġbuda.

**257.** Meta ma jkunx hemm kwotazzjoni ta' kambju bejn il-lok fejn issir ir-rivalsa u l-lok li fuqu tiġi miġbuda, ir-rikambju jinqies skont kif ikun sejjer il-kambju fl-eqreb lok għal dak li fuqu tiġi miġbuda r-rivalsa.

Imgħaxijiet.

**258.** L-imgħax fuq l-ammont tal-kambjala ipprotestata għal nuqqas ta' ħlas, fuq l-ispejjeż tal-protest, u fuq kull spiża leġittima oħra, jibda għaddej minn dak in-nhar tal-protest.

Ma jistax jintalab ħlas fuq rivalsa fin-nuqqas taċ-ċertifikat.

**259.** Ebda ħlas ma jista' jintalab fuq rivalsa kemm-il darba l-kont ta' ritorn ma jkollux miegħu ċ-ċertifikat meħtieġ fl-artikolu 256.

---

*Sub-titolu II*

FUQ IL-BILJETTI NEGOZZJABBLI JEW *PROMISSORY NOTES*, U MANDATI JEW *CHEQUES* FUQ BANKIERA JEW KAXXIERA

Dispożizzjonijiet dwar il-kambjali li jgħoddu għall-biljetti negozjabbli.

**260.** Id-dispożizzjonijiet li jgħoddu għall-kambjali u li jirrigwardaw il-ġîra, l-obbligazzjoni *in solidum*, l-avall, iż-żmien tal-iskadenza, il-ħlas, il-ħlas għall-unur, il-protest, id-dmirijiet u l-jeddijiet tal-pussessur, u r-rikambju, igħoddu għall-biljetti negozjabbli jew *promissory notes.*

X'għandu jkun fih biljett negozjabbli.

**261.** (1) Il-biljett negozjabbli jew *promissory note* għandu jkun fih id-data, is-somma li għandha titħallas, l-isem tal-persuna li favur tagħha jew għall-ordni tagħha huwa ffirmat, iż-żmien li fih għandu jsir il-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, b'akkont, jew xort'oħra.

(2) Il-biljett negozjabbli jew *promissory note* jista' jkun miġbud li jitħallas lill-purtatur.

Mandati jew *cheques.*

**262.** (1) Il-mandati jew *cheques* fuq bankiera jew kaxxiera għandu jkun fihom id-data, is-somma li għandha titħallas, u jistgħu jsiru li jitħallsu lill-persuna msemmija bl-isem, jew għall-ordni tagħha, jew għall-purtatur.

(2) Huma jitħallsu mal-preżentata tagħhom.

Konsegwenza meta tiddawwar il-preżentata taċ-*cheque.*

**263.** Jekk il-pussessur ta' *cheque* jonqos li jsarrfu fi żmien tlitt ijiem mid-data tiegħu, u, wara dan iż-żmien, il-bankier jew kaxxier jirrifjuta jħallsu, il-pussessur li jkun irċieva ċ-*cheque* mingħand terza persuna ma jistax idur kontra din il-persuna, u lanqas kontra l-persuna li tkun ġibdet iċ-*cheque* jekk din tipprova li kellha f'idejn il-bankier jew kaxxier fondi biżżejjed għall-ħlas ta' dak iċ-*cheque,* u li dawn il-fondi ma ġewx nieqsa bi ħtija tagħha.

---